# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-28 ta' Gunju 2002**

**Citazzjoni numru 150/98 GC**

**L-Avukat Dr Joseph M. Ciappara bhala mandatarju ta' Roman Schmidt u b'nota tat-2 ta' Dicembru 1999 l-Avukat Dr. Paul Gauci Maistre assuma l-atti tal-kawza minflok l-Avukat Dr. Joseph M. Ciappara**

**vs**

**Brian Hansford**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ippremetta:-

Illi fl-10 ta' Jannar 1995, f'San Pawl tat-Targa, waqt li Roman Schmidt kien qed isuq l-Opel Vectra numru W-723 FU tiela lejn id-direzzjoni tan-Naxxar hu kellu kollizjoni mal-Peugeot numru I-1237 misjuqa mill-konvenut Brian Hansford li dak il-hin kien gej mid-direzzjoni oposta u ghamel sorpass li giebu fuq in-naha l-hazina tat-triq;

Illi ghal din il-kollizjoni ghandu jigi tenut responsabbli l-konvenut li wera traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi bhala rizultat ta' dan l-incident Roman Schmidt sofra danni konsiderevoli;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandux:-

1. Jigi dikjarat u deciz li l-kollizjoni li grat San Pawl tat-Targa fl-10 ta' Jannar, 1995 bejn l-Opel Vectra numru W-723 FU misjuqa minn Roman Schmidt u l-Peugeot numru I-1237 misjuqa mill-konvenut grat unikament bi htija tal-konvenut li wera traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Jigu likwidati d-danni li sofra l-attur Roman Schmidt, jekk hemm bzonn bl-opera ta' perit nominat mill-Qorti;

3. Jigi kkundannat il-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Dicembru 1996 kontra l-konvenut, u dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra l-assikuratrici tal-konvenut, u bl-imghax skond il-ligi. Il-konvenut gie imharrek ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi huwa ma kienx bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali msemmi fic-citazzjoni fl-ismijiet premessi stante li ghall-habta 'de qua' kien unikament responsabbli Roman Schmidt minhabba negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte ta' Roman Schmidt biss;

2. Isegwi li ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront ta' l-eccipjent;

3. Isegwi li l-konvenut ma jista' qatt jigi kkundannat ihallas ebda danni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet il-partijiet u x-xhud prodott mill-attur nomine;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tal-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar 2001;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrizulta li fl-10 ta' Jannar 1995 sehh incident tat-traffiku f'San Pawl tat-Targa limiti tan-Naxxar. Involuti f'dan l-incident kien hemm l-attur Roman Schmidt li kien qed isuq il-vettura "left hand drive" tal-marka Opel Vectra numru ta' registrazzjoni W-723 FU u l-konvenut Brian Hansford li kien qed isuq il-vettura tal-marka Peugeot numru ta' registrazzjoni I-1237. Il-kollizzjoni sehhet fit-Tela' ta' Alla u Ommu u l-attur kien sejjer fid-direzzjoni tan-Naxxar filwaqt li l-konvenut kien gej mid-direzzjoni oposta. L-attur isostni li l-konvenut, li kien qed jghamel sorpass, mar fuq in-naha l-hazina tat-triq u b'hekk grat il-kollizzjoni. Ghalhekk l-attur jippretendi li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal din il-kollizzjoni u ghad-danni konsegwenzjali li huwa garrab fil-vettura tieghu;

Da parti tieghu l-konvenut eccepixxa li huwa ma kienx bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni, liema incident kien unikament ir-responsabilita' tal-attur;

Hu ovvju li l-versjonijiet li jghatu l-partijiet huma kontrastanti. Difatti l-attur jghid li, ftit qabel il-habta u cioe' fil-hin li kien qed jghaddi l-liwja li hemm fejn sehh l-incident, huwa ra l-konvenut gej mid-direzzjoni opposta u rah jaqla karozza ohra li kienet mixja. Huwa jghid li l-konvenut biex ghamel din il-manuvra mar kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq. Huwa qal li azzjona l-"brakes", pero' l-konvenut ipprova jerga jmur fuq in-naha tat-triq tieghu u ghalhekk kien inevitabbli li z-zewg karozzi habtu ma xulxin. L-attur jghid li meta ra l-vettura misjuqa mill-konvenut din kienet boghod minnu circa d-distanza ta' zewg vetturi. Da parti tieghu l-konvenut jghid li fuq in-naha tax-xellug tieghu kien hemm karozza ipparkjata. Kif kien qed jghaddi din il-karozza parkeggjata, gie l-attur bil-vettura tieghu mid-direzzjoni opposta li baqa diehel fuq il-gemb tal-karozza misjuqa mill-konvenut. Huwa jghid li mhux minnu li mar fuq in-naha l-hazina tat-triq;

Jirrizulta li l-impatt sehh meta l-karozza tal-attur kienet hierga mill-liwja filwaqt li l-konvenut kien ser jaqbad l-istess liwja. Mill-iskizz, dokument JS1 a fol. 26, jidher illi l-impatt sehh fil-karreggjata li tiehu ghan-Naxxar u cioe fin-naha tat-triq fejn kien qed isuq l-attur. Jidher ghalhekk li l-konvenut f'xi hin kien fin-naha l-hazina tat-triq. Dan hu ukoll, b'xi mod, konfermat mill-hsarat li garbu z-zewg vetturi bhala konsegwenza tal-habta. Difatti l-hsarat fil-vettura tal-attur kienu fuq il-mudguard tan-naha tal-lemin filwaqt li l-hsarat fil-vettura l-ohra kienu tul il-genb kollu tal-lemin. Dana kollu jista jindika li l-konvenut kien b'xi mod angolat qed jipprova jerga jmur lura fin-naha t-tajba tat-triq, kif fil-fatt xehed l-attur. Dan hu ukoll konfermat mit-"tyre marks" li huma indikati fl-imsemmi skizz u liema marki, skond is-Surgent tal-Pulizija li investiga l-kollizzjoni, x'aktarx thallew mill-karozza tal-konvenut;

Fid-dawl ta' dan kollu jista jinghad li l-versjoni tal-attur hi aktar verosimili u aktar kredibbli, filwaqt li dik tal-konvenut mhux ghal kollox esaurjenti u thalli hafna lakuni. In effett mill-okkorrenza jirrizulta li "a tempo vergine" il-konvenut stess ammetta li ftit qabel il-habta huwa kellu johrog lejn in-nofs tat-triq. Barra minn hekk ma jirrizulta xejn li jista jitfa xi htija ghal din il-kollizzjoni fuq l-attur. Ghalhekk jirrizulta b'mod sufficjenti li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal-kollizzjoni in kwestjoni u responsabbli ukoll ghal-hlas tad-danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu;

Jirrizulta li sabiex issewwew il-hsarat li garrab l-attur fil-vettura tieghu huwa kellu jonfoq is-somma koplessiva ta' seba mija u tmienja u tletin liri maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm738.43), liema somma fic-cirkostanzi kollha tal-kaz hi ragjonevoli;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-kollizjoni in kwestjoni li grat San Pawl tat-Targa fl-10 ta' Jannar, 1995 grat unikament bi htija tal-konvenut; tillikwida d-danni li sofra l-attur bhala konsegwenza ta' din il-kollizzjoni fis-somma komplessiva ta' seba mija u tmienja u tletin liri maltin u tlieta u erbghin centezmu (Lm738.43) u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-istess somma ta' Lm738.43 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza;

L-ispejjez kollha kontra l-konvenut.